**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum l-Erbgha, 28 ta' Ottubru, 2015**

Numru 9

**Rikors Guramentat Nru. 1282/2010**

**Cuschieri Brothers Aluminium Limited**

**vs**

**Edilsystem sas**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-10 ta' Dicembru 2010 li jghid hekk:

1. Illi s-socjeta rikorrenti wettqet xoghol fuq struzzjonijiet tas-socjeta estera intimata fis-sit tal-Lufthansa Technik f'Malta u dana skont ftehim t'appalt li kopja tieghu qed tigi hawn mehmuza u mmarkata bhala Dok. 'CB1' u liema xoghol kien jikkonsisti f'illi s-socjeta rikorrenti tissuplixxi, tistalla u taghmel 'sealing' ta' xoghol tal-aluminium fuq is-sit;

2. Illi s-socjeta rikorrenti wettqet dan l-imsemmi xoghol kollu u dana anke skont struzzjonijiet moghtija lilha minn persuni ingaggjati minn Lufthansa Technik halli jiehdu hsieb dan il-progett taghha tant li l-istess Lufthansa Tekniku fethet dan is-sit fiz-zmien stabbilit minnha u dana hekk kif se tipprova l-istess socjeta rikorrenti waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna;

3. Illi s-socjeta rikorrenti tirrileva illi l-istess socjeta intimata hallset parti biss mill-ammont globali dovuta minnha lis-socjeta rikorrenti u llum baqa' bilanc ta' tlieta u disghin elf mija u wiehed u sittin ewro u wiehed u disghin centezmu [EUR93,161.91];

4. Illi, issa u wara korrispondenza skambjata bejn il-partijiet kontendenti f'din il-kawza, is-socjeta intimata biddlet il-posizzjoni taghha u qed tikkontendi li hija m'ghandhiex thallas dan l-imsemmi ammont billi dejjem skont l-istess socjeta

intimata ix-xoghol min-naha tas-socjeta rikorrenti ma twettaqx fiz-zmien li fih kellu jitwettaq;

5. Illi wara li s-socjeta rikorrenti interpellat diversi drabi lis-socjeta estera intimata sabiex thallas il-bilanc li baqa' dovut, din baqghet inadempjenti;

6. Illi ghalhekk is-socjeta rikorrenti ma baqghalix triq ohra ghajr li tistitwixxi l-proceduri odjerni fil-konfront tas-socjeta intimata;

Ghaldaqstant is-socjeta r-rikorrenti, ghar-ragunijiet suesposti, umilment titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara li s-socjeta rikorrenti ottemporat ruhha b'mod shih mal-ftehim t'appalt li hi ghandha mas-socjeta intimata;

2. Tikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tlieta u disghin elf mija u wiehed u sittin ewro u wiehed u disghin centenzmu (EUR93,161.91) rappresentanti bilanc ta' prezz miftiehem li ghadu dovut.

Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali mid-data li tali somma saret dovuta mis-socjeta intimata lis-socjeta rikorrenti sad-data tal-effettiv pagament u rappresentanti, diretturi u impjegati tas-socjeta intimata minn issa ngunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

1. Illi fl-ewwel lok l-ammont mitlub mis-socjeta attrid ma huwhiex dovut stante illi x-xogholijet illi taghhom qed jigi pretiz il-hlas ma gewx ikkompletati u l-allegazzjonijiet maghmula fir-rikors promotorju huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda.

Illi il-partijiet iffirmaw kuntratt ta' appalt datat l-24 ta' Gunju 2008, illi permezz tieghu s-socjeta attrici giet inkarigata mis-socjeta esponenti sabiex twettaq xogholijiet f'sit gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u cioe f''hangar' illi jintuza ghall-ajruplani operati mis-socjeta Lufthansa Technik Malta Limited. Id-dettalji dwar l-ezekuzzjoni tax-xogholijiet u dettalji dwar il-kundizzjonijiet tal-ftehim huma regolati mill-ftehim tal-24 ta' Gunju kif ukoll minn skrittura datata l-20 ta' Gunju 2008. Kopja tad-dokument datat l-20 ta' Gunju qed jigi aness u mmarkat Dok. A;

Illi ai termini tal-ftehim iffirmat, ir-relazzjoni guridika naxxenti mill-ftehim applikabbli hija strettament bejn il-kontendenti u ghalhekk kwalsiasi struzzjonijiet illi setghu inghataw minn terzi persuni, inkluzi persuni ingaggjati mis-socjeta Lufthansa Technik Malta Limited, (kif qed jigi allegat fir-rikors promotorju), huma irrilevanti ghall-vertenza in kwistjoni;

Illi ai termini tal-ftehim, ix-xogholijiet mertu tal-appalt illi s-socjeta attrici kellha tipprovdi kienu jikkonsistu fit-tehid ta' qisien tal-aperturi kollha tas-sit, il-konsenja ta' materjal inkluz bibien u twieqi, l-installazzjoni tal-istess, is-sigillament intern u estern tal-aperturi u l-materjal installat kif ukoll l-organizzar u l-provizjoni ta' "lifting" u mezzi ohra ta' transport u mezzi ohra necessarji sabiex jigi ezegwit ix-xoghol. Dan kif indikat fl-iskritturi tal-20 u l-24 ta' Gunju 2008;

Illi ai termini tal-istess ftehim, ix-xogholijiet kellhom originarjament jitwettqu u jigu kkompletati mis-socjeta rikorrenti sa mhux aktar tard mill-20 ta' Settembru 2008 izda bi ftehim bejn il-partijiet dan it-terminu gie estiz sat-30 ta' Settembru 2008;

Illi l-"hangar" irceva l-ewwel ajruplan fil-21 ta' Dicembru 2008 u l-istess "hangar" cioe is-sit fejn kellhom jigu ezegwiti x-xogholijiet gie ufficjalment inawgurat fl-4 ta' April 2009;

Illi fil-perjodu kollu sal-ftuh ufficjali tas-sit u cioe sal-4 ta' April 2009, kien hemm lamenti kontinwi da parti tas-socjeta esponenti minhabba tardivita u wkoll xoghol mhux maghmul skond is-sengha u l-arti;

Illi ix-xogholijiet ghadhom sa llum ma gewx ikkompletati. Ghalkemm huwa minnu illi gew ikkonsenjati u installati twieqi u bibien fl-aperturi miftehma bejn il-partijiet, tali installazzjoni ma giet qatt ikkompletata stante illi thallew diversi fethiet f'diversi punti u l-aperturi kienu karetterizati minn nuqqas ta' sigillatura u posizzjonar adegwat. Dan kif indikat fir-ritratti annessi u mmarkati Dok. B u kif sejjer jigi ampjament u ulterjorament ippruvat waqt il-kawza;

Illi in vista tal-fatt illi x-xogholijiet ma gewx ikkompletati u ukoll kien hemm karenza serja fil-professjonalita tax-xoghol illi ma sarx skond is-sengha u l-arti, rapprezentanti tas-socjeta intimata resqu diversi ilmenti lejn is-socjeta attrici u fil-fatt hemm komunikazjoni estensiva bejn rapprezentanti taz-zewg partijiet ili jikkonferma tentattivi da parti tas-socjeta intimata sabiex jitwettqu u jigi ikkompletati x-xogholijiet miftehma. Dan sejjer jirrizulta b'mod car mill-korrispondenza li ser tigi ezebita u spjegata minn rapprezentanti tas-socjeta konvenuta;

Illi kuntrarjament ghal dak li qed jigi allegat mis-socjeta attrici fir-rikors promotorju, saru intimazzjonijiet varji da parti tas-socjeta intimata, kemm telefonikament kif ukoll permezz ta' emails u korrispondenza sahansitra da parti tal-Avukat tal-fiducja tas-socjeta konvenuta gewwa l-Italja;

Illi hekk ukoll, intbaghtu intimazzjonijiet da parti tal-Avukat tas-socjeta esponenti, Dottor Lorenzo Bianchi permezz ta' liema s-socjeta rikorrenti giet mitluba tikkompleta x-xogholijiet u giet avzata bl-applikazjoni tal-penali ghal tardivita;

Illi madanakollu s-socjeta rikorrenti naqset milli tindirizza l-problemi sollevati u naqset milli tikkompleta x-xogholijiet. Din fil-fatt ghadu hekk sa llum;

Illi in piu, f'diversi okkazjonijiet, is-servizz ta' "lifting" kif stipulat fil-ftehim tas-26 ta' Gunju 2008 ma giex ipprovdut u dan nonostante illi l-prezz kien jinkludi il-provvizjoni ta' tali servizzi. Ghalhekk, is-socjeta attrici mhux biss qed tippretendi hlas ghal servizzi illi kienet kuntrattwalment obbligata illi taghmel u li ma ezegwietx izda inoltre, is-socjeta intimata kienet kostretta tinkorri spejjez estensivi sabiex tikri makkinarju necessarju sabiex jigu pprovduti servizzi illi kienet inkarigata illi taghmel is-socjeta rikorrenti;

Illi ghaldaqstant u kif ser jigi spjegat f'aktar dettall waqt l-andament tal-kawza, il-bilanc tal-prezz li qed jigi mitlub kien ikun debitament dovut u mhallas fl-eventwalita

illi x-xogholijiet kienu ikkompletati skond il-ftehim. Madanakollu, f'dan l-istadju, il-hlas tal-prezz miftiehem ma jista bl-ebda mod ikun pretiz stante illi x-xogholijiet illi taghhom qed jigi pretiz il-hlas ghadhom, sa llum, ma gewx maghluqa.

2. llli minghajr pregudizzju ghas-suespost, ix-xogholijiet ma sarux skond is-sengha u l-arti u saru b'mod traskurat, negligenti u b'nuqqas ta' professjonalita.

llli s-socjeta attrici kontinwament irrifjutat li taghmel l-emendi necessarji fix-xogholijiet u dan ghaliex fil-fehma tas-socjeta attrici, ix-xogholijiet miftehma kienu gew ikkompletati in toto u kienu saru kif mftiehem;

llli minghajr pregudizzju ghall-fatt illi s-socjeta intimata qed issostni illi certi xogholijiet ma gewx ikkompletati, parti estensiva tax-xogholijiet illi fil-fatt gew ikkompletati, ma sarux skond is-sengha u l-arti u dan kif sejjer jigi ppruvat waqt il-kawza okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi.

Illi jinghad iner alia illi l-materjal utilizzat ghas-sigilli tal-aperturi tfarfar u nqala wara ftit jiem biss, filwaqt illi punti ohra tas-sit soffrew perkolazzjoni tal-ilma proprju minhabba mankanza ta' sigillatura adegwata u/jew tqeghid professjonali tal-istess. Ghal dan il-ghan qed jigu ezebiti ritratti immarkati Dok. C;

Illi ghalhekk qed jigi pretiz hlas ta' xoghol illi ma sarx skond is-sengha u l-arti.

3. llii minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta rikorrenti hija debitrici fil-konfront tas-socjeta esponenti u dan stante penali illi bdew jiddekorru f'Settembru 2008 u li ghadhom jiddekorru sa llum. Ghalhekk ghandha tigi applikata t-tpaccija bejn iz-zewg ammonti.

Illi il-ftehim jipprovdi ghal penali ta' euro1000 fl-eventwalita illi s-socjeta attrici tonqos milli tikkompleta x-xogholijiet fiz-zmien stipulat. In vista tal-fatt illi sa llum ix-xogholijiet ma gewx ikkompletati u l-obbligazzjonijiet naxxenti mill-ftehim ma gewx onorati mis-socjeta attrici, is-socjeta esponenti hija kreditrici a favur tas-socjeta attrici ghall-penali illi ddekorrew u illi ghadhom jiddekorru sa llum.

Illi ghalhekk, u minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti, anke fl-eventwalita illi jigi deciz illi l-ammont pretiz huwa dovut, qed tigi eccepita t-tpaccija u sahansitra ghal dan il-ghan qed tigi kontestwalment ipprezentata kontro-talba ghall-hlas ta' dan l-ammont.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-kontrotalba tas-socjeta konvenuta li tghid hekk:

Illi ai termini ta' ftehim konkluz bejn il-partijiet kif rifless f'zewg skritturi datati l-20 ta' Gunju 2008 u l-24 ta' Gunju 2008 rispettivament, is-socjeta Cuschieri Brothers Aluminium Limited giet inkarigata mis-socjeta esponenti sabiex twettaq xogholijiet f'sit gewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta u cioe f'hangar' illi jintuza ghall-ajruplani operati mis-socjeta Lufthansa Technik Malta Limited.

IIli x-xogholijiet mertu tal-ftehim kienu jikkonsistu inter alia fit-tehid ta' qisien tal-aperturi kollha tas-sit, il-konsenja ta' materjal inkluz bibien u twieqi, l-installazzjoni tal-istess, is-sigillament intern u estern tal-aperturi u l-materjal installat kif ukoll l-organizzar u l-provizjoni ta' "lifting" u mezzi ohra ta' transport u mezzi ohra necessarji sabiex jigi ezegwit ix-xoghol, Dan kif rifless fl-iskritturi tal-20 u l-24 ta' Gunju 2008;

llli ai termini tal-istess ftehim, is-socjeta Cuschieri Brothers Aluminium Limited obbligat ruhha illi tlesti x-xogholijiet sa mhux aktar tard mill-20 ta' Settembru liema terminu gie estiz bi ftehim bejn il-partijiet ghat-30 ta' Settembru 2008;

Illi s-sit ossia hangar irceva l-ewwel ajuplan fil-21 ta' Dicembru 2008 u gie ufficjalment inawgurat fl-4 ta' April 2009;

IIli diversi xogholijiet senjatement xoghol ta' "sealing" tal-aperturi ma gewx ikkompletati u dan kif indikat fid-dokumenti annessi mar-risposta guramentata kontestwalment ipprezentata u mmarkati Dok. B u Dok. C;

llli nonostante diversi intimazzjonijiet da parti tas-socjeta esponenti, dawn ix-xogholijiet baqghu ma sarux u sa llum dan ma gewx ikkompletati;

Illi ai termini tal-ftehim illi jirregola l-obbligazzjonijiet bejn il-partijiet, giet imposta penali ta' euro1000 ghal kull gurnata illi tiddekorri wara t-30 ta' Settembru 2008 u li fiha ix-xogholijiet ma jkunux ghadhom gew ikkompletati. Il-kuntratt fil-fatt jispecifika illi kellha tigi imposta:
"dally penalty in case of delay from 21st September 2008 euro1000".

IIli in vista tal-fatt illi hemm diversi xogholijiet illi ghadhom sa llum ma sarux, ix-xogholijiet mertu tal-appalt ghadhom ma gewx konkluzi u kkompletati;

Illi nonostante diversi intimazzjonijiet da parti tas-socjeta esponenti sabiex jigu kkompletati x-xogholijiet dawn baqghu ma sarux;

Illi b'applikazjoni tal-ftehim iffirmat bejn il-kontendenti, il-penali bir-rata ta' euro1000 kuljum ghadha qed tiddekorri sa llum;

Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet anke tramite l-Avukat tal-fiducja tas-socjeta esponenti gewwa l-ltalja, ghall-hlas tal-penali, dan il-hlas baqa' ma sarx. Qed jigu annessi kopji tal-ittri kemm ta' Edilystem SAS kif ukoll ittra legali tal-Avukat Lorenzo Bianchi u li qed jigu immarkati Dok. GR1 u GR2 rispettivament.

IIli ghaldaqstant is-socjeta esponenti hija kreditrici kontra s-socjeta Cuschieri Brothers Aluminium Limited ghall-penali li ghadhom jiddekorru sa llum u in piu illi ser ikomplu jiddekorru sad-data tas-sentenza effettiva gialadarba x-xogholijiet ma jigux ikkompletati fil-mori tal-kawza.

GHALDAQSTANT u in vista tas-suespost, is-socjeta esponenti titlob illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha;

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi s-socjeta Cuschieri Brothers Aluminium Limited naqset milli tonera l-obbligi kuntrattwali taghha in kwantu naqset milli tikkompleta ix-xogholijiet illi giet inkarigata illi taghmel fiz-zmien stipulat fl-istess kuntratt;
2. Tordna lis-socjeta Cuschieri Aluminium Brothers tezegwixxi u tikkompleta x-xogholijiet stipulati fil-kuntratt fi zmien qasir u perentorju taht is-sorvelljanza ta' Perit appuntat minn dina l-Onorabbli Qorti ghal dan il-ghan u fin-nuqqas li jsiru dawn ix-xogholijiet fiz-zmien hekk stipulat, tawtorizza lis-socjeta esponenti tezegwixxi l-istess xogholijiet a spejjez tas-socjeta Cuschieri Aluminium Brothers Limited;
3. Tiddikjara u tiddeciedi illi in vista tad-dewmien fl-ezekuzzjoni tax-xogholijiet, is-socjeta Cuschieri Brothers Aluminium Limited inkorriet penali fis-somma ta' euro1000 kuljum;
4. Tillikwida, tiddetermina u tiddikjara, jekk ikun il-kaz bl-opera ta' periti nominandi, l-ammont ta' penali inkorsi mis-socjeta Cuschieri Brothers Aluminium Limited;
5. Tordna lis-socjeta Cuschieri Brothers Aluminium Limited thallas is-somma hekk likwidata a favur tas-socjeta esponenti.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kontra s-socjeta Cuschieri Brothers Aluminium Limited li hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tas-socjeta attrici li tghid hekk:

1. Illi s-socjeta rikorrenti-rikonvenzjonata tecepixxi illi r-rikorrenti qatt ma setghet tressaq din il-kawza u dana billi kienet hi l-ewwel li kisret dan il-ftehim in kwistjoni u ghalhekk japplika l-princpju 'inademplenti non est ademplentum' u dana hekk kif se tipprova s-socjeta rikorrenti-rikonvenzjonata waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna;

2. Illi l-pretensjoni tar-rikorrenti hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dana billi hija s-socjeta intimata-rikonvenzjonanti li hija inadempjenti u minhabba f'hekk li hija ressqet din il-kawza u issa s-socjeta intimata-rikonvenzjonanti ressqet din ir-rikonvenzjoni biex tfarfar mill-obbligi taghha versu s-socjeta rikorrenti-rikonvenzjonata;

3. Illi s-socjeta rikorrenti-rikonvenzjonata tecepixxi illi hija bla ebda mod ma kienet inadempjenti fl-esekuzzjoni tal-kuntratt t'appalt min-naha taghha u jekk hemm xi xoghol li m'hux ikkompletat dan hu dovut fl-ewwel lok ghal cirkostanzi m'hux fil-konfront tas-socjeta rikorrenti-rikonvenzjonata u fit-tieni lok ghaliex l-istess socjeta kienet qeghda tistenna struzzjonijiet halli taghmel dan ix-xoghol wara li terzi kuntratturi jikkompletaw il-parti tax-xoghol taghhom;

4. Illi, minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, l-ammonti li qeghda titlob ir-rikorrenti huma fi kwalunkwe kaz ezorbitanti u ghandhom jigu ippruvati minnha aktar u aktar meta qabel din ir-rikonvenzjoni s-socjeta intimata-rikonvenzjonanti kienet interpellat ghal hafna anqas u dana hekk kif se tipprova l-istess socjeta waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;

5. Illi ghal dak li jirrigwardja l-hlas tal-penali, is-socjeta rikorrenti-rikonvenzjonata tiddefendi ruhha billi tirrileva li l-ebda penali m'hija dovuta u dana ghar-ragunijiet li hija se tipprova waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna;

6. Illi wkoll ghal dak li jirrigwardja l-hlas tal-penali u minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta rikorrenti-rikonvenzjonata tirrileva illi jezistu c-cirkostanzi

kkontemplati fl-artikolu 1122 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u per konsegwenza bl-applikazzjoni tal-principju l-ammont tal-penali ghandu jigi mtaffi jew imnaqqas u dana b'applikazzjoni tal-massima 'in omnibus quidem, maxime tamen in jure, aequitas spectanda sit' [Ara sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 15-12-2004 fl-ismijiet 'Michael Pace v. Richard Micallef pro et noe'];

7. Salv linji difensjonali ulterjuri hekk kif permessi mill-ligi

Rat l-atti u noti ta' sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

It-talba attrici hi ghal hlas dovut lilha ghal appalt moghti lilha mis-socjeta konvenuta ghall-provista ta' xoghol ta' aluminium li kien jinkludi wkoll t-tqeghid u sealing tal-istess xoghol.

Il-ftehim ta' appalt hu redatt f'forma ta' ittra ta' konferma mis-socjeta konvenuta lil dik attrici a fol. 4 tal-process.

Jinghad mill-bidu nett, kif del resto ikkonstata l-perit tekniku, illi dan il-ftehim hu nieqes sew mid-dettalji rilevanti u ta' siwi biex wiehed ikun f'pozizzjoni jara u jifli l-kundizzjonijiet specifici tal-istess ftehim.

Dak li pero jirrizulta mill-istess ftehim hu illi x-xoghol kellu jibda fl-1 ta' Awwissu 2008 u jkun lest sal-20 ta' Settembru 2008 ghalkemm l-istess socjeta konvenuta tikkoncedi fir-risposta guramentata li d-data tat-terminazzjoni kellha tigi estiza sat-30 ta' Settembru 2008. In oltre jidher mill-ftehim li kien hemm penali ta' €1,000 kuljum ghad-dewmien. Hemm imnizzel ukoll illi s-socjeta attrici kellha taghmel dak kollu biex taghti u tikkonsenja xoghol perfett.

Is-socjeta konvenuta mhix tikkontesta l-bilanc dovut mis-socjeta attrici ghall-appalt izda qed issostni li hemm diversi nuqqasijiet li ghalihom is-socjeta attrici ma tistax tithallas dak pretiz mis-socjeta attrici tant li ghamlet kontrotalba ghal penali dovuti minhabba n-nuqqas tas-socjeta attrici li tikkompleta l-appalt fiz-zmien stipulat.

Is-socjeta konvenuta qed tressaq is-segwenti ilmenti:

1. Is-socjeta attrici kienet tardiva biex tlesti x-xoghol tant li sal-4 ta' April 2009 kien hemm ilmenti kontinwi mis-socjeta konvenuta;
2. Ix-xogholijiet maghmula fil-maggor parti ma kienx skond is-sengha u l-arti tant li diversi fethiet u aperturi kienu neqsin minn issigillar u pozizzjonar adegwat jew issigillar li sar hazin u dwar dan saret korrispondenza ampja;
3. Ghalkemm is-socjeta attrici kienet obbligata tuza l-mezzi mekkanici biex isir 'lifting' tal-materjal liema 'lifting' kien inkluz fil-ftehim, dan ma sarx u s-socjeta konvenuta inkorriet spejjez biex tipprovdi l-mezzi mekkanici suppost provduti mis-socjeta attrici.

Hu indubitat illi l-prova dwar dawn l-ilmenti kienu jispettaw lis-socjeta konvenuta. Il-provi huma frammentarji u neqsin minn koerenza kemm ta' kronologija u sustanza dwar kull kap ta' ilment.

Jibda biex jinghad illi ghalkemm is-socjeta konvenuta naqset milli tispecifika x'kienet l-entita ezatt tax-xoghol miftiehem, dan johrog mill-affidavit tad-direttur tas-socjeta attrici Leonard Cuschieri (fol. 142 et seq. tal-process). Dan ighid illi x-xoghol kien jikkonsisti f'175 tieqa fissi bil-panew tal-hgieg, 20 tieqa fissa bil-panew tal-louvres, 67 tieqa tinfetah bil-panew tal-hgieg, 16-il tieqa bil-panew tal-louvres, 5 bibien jinfethu, 13-il apertura nofs bieba fissa u nofs bieba tinfetah. Izid li matul ix-xoghol, zdiedu u inbidlu xi affarijiet.

Dan fil-fatt kien subappalt ghax l-appalt originali u principali kien bejn il-Lufthansa Teknik u s-socjeta konvenuta ghar-rigward tal-bini ta' tlett hangars tal-istess Lufthansa.

**Dewmien**

Hareg mix-xhieda tal-perit David Micallef, project coordinator, mqabbad mill-Lufthansa illi l-progett kollu tal-bini u finishings kellu jkun lest skond kif ippjanat sa Ottubru 2008, pero fil-fatt ma sehhx tant li parti tlestiet sa Dicembru 2008 u parti sa Marzu 2009. Izid li sa Dicembru kellhom jittlestew hangar 2 u l-workshop building u sa Marzu 2009 kelhom jittlestew hangar 1 u 3. Qal li ma kienx hemm raguni unika ghax ix-xogholijiet ma tlestewx sa dik id-data ghax seta' kien il-kaz li zdied ix-xoghol

jew kien hemm bzonn ta' xi approvazzjoni li waslet tard u ma kienx f'pozizzjoni li jghid ghaliex fil-kaz tas-socjeta attrici din waqghet lura fix-xogholijiet ghalkemm ikkonferma li sar tibdil kemm fil-kwantita u fil-qisien tat-twieqi. Ir-relazzjoni diretta pero fuq l-aperturi kienet bejn is-socjetajiet kontendenti.

ix-xiehda ta' Giovanni Ronci, amministratur tas-socjeta Edilsystem u Ornella Maddi, amministrative manager tal-istess socjeta fl-affidavits taghhom (fol. 459 u 462 rispettivament) jilmentaw li s-socjeta attrici ma kinitx konsistenti, kienu jiddilungaw biex ilestu x-xoghol u illi dan wassal biex ma setghax isir is-sealing minn barra meta kien ghad hemm l-iscaffolding ta' Polidano li seta' intuza ghal dan l-iskop.

Gew esebiti diversi ritratti u e-mails in sostenn tal-allegazzjoni tad-dewmien (ara fol. 312 et seq.) pero dawn l-e-mails kienu inkonkludenti peress li jitkellmu dwar xi sealer li kien ghadu ma sarx u fejn is-socjeta attrici kienet qed tilmenta li ma setghetx tezegwixxi parti zghira mill-appalt ghax ix-xoghol preparatorju ta' qabel li kellu jsir minn terzi kien ghadu mhux kompletat. In oltre hafna e-mails kienu aktar forma ta' check list dwar affarijiet zghar bhal istallazzjoni ta' xi hgieg jew xi skular ta' ilma minn xi apertura. Ghalkemm hemm korrispondenza fis-sens li minhabba li t-terminu ghall-ikkompletar tal-appalt kien ghadda u kien ser jigu impost l-penali miftiehem, il-Qorti ma ssibx konfort fl-atti l-prova fuq bazi ta' probabilita morali rikjesta mill-ligi li kien hemm ness dritt bejn in-nuqqas ta' ikkompletar <u>sostantiv</u> tal-appalt u li ghal dan in-nuqqas tahti s-socjeta attrici biss.

Il-Qorti tinnota illi l-project manager David Micallef f'e-mail tas-17 ta' April 2009 (fol. 169 tal-process) jirrefri ghal diversi partiti ta' entita zghira bhal elastic tape, sealer, jew aggustamenti f'mekkanizmu li kien ghad jonqos mill-appalt pero harsa lejhom, il-Qorti tinnota li fil-maggor parti ma kienux ghadhom saru peress illi s-socjeta attrici kellha tistenna appaltaturi ohra jlestu l-parti taghhom l-ewwel. Fil-fehma tal-Qorti, din il-lista ezawrenti ma turix dewmien li ghaliha s-socjeta attrici ghandha tirrispondi ghad-dewmien kontemplat fil-kuntratt. Il-kuntratt ghandu jigi ezegwit in buona fede u ebda parti ma ghandha tapprofitta ruhha minn klawsola kontrattwali jekk verament dak provdut ma jkunx verament avvera ruhu fl-ispirtu intiz cioe dewmin fuq is-sustanza tal-appalt u mhux dettalji li del resto hafna minnhom kienu qed jistennew l-operat ta' terzi qabel jigu indirizzati.

Il Qorti tqis li l-artikolu 1122(b) tal-Kodici Civili mhux applikabbli ghal kaz ghalkemm dan jistipula li ebda tnaqqis ghall penali ma jsir jekk il-penali giet imposta ghad-dewmien biss. Kif qalet il-Qorti fil-kawza **Paul Camilleri vs Joseph Glenville pro et noe** (PA 28/04/2003) li ghalkemm titrattax rexissjoni pero l-principju hu applikabbli f'dan il-kaz:

> Huwa principju kardinali f'materja ta' kuntratti illi, sa fejn hu konsentit jew possibbli, it-termini taghhom jigu mharsa. Minn naha l-ohra mhux kull pretest, anke l-aktar wiehed minimali ghandu jservi biex jitwaqqghu kuntratti jew isservi ta' opportunita lis-sid biex jirrexxindi ftehim meta fil-verita ma tezistix dik is-serjeta tali li kapaci torbot u tallaccja kull nuqqas zghir u insinifikanti mal-fatt tal-inadempjenza

Fl-istess sens applika l-massimu skond is-sentenza tal-Qorti tal-Appell **Michael Pace vs Richard Micallef noe et** (App 15/12/2004) 'in omnibus quidem, maxime tamen in jure, acquitas spectanda sit'.

Il-perit tekniku jirreleva illi waqt l-ahhar access mizmum mill-perit tekniku s-socjeta konvenuta ilmentat biss minn sealer ta' tmint itwieqi li kienu ghadhom ma sarux. Fil-fehma tal-perit tekniku dan ma kienx jikkostitwixxi nuqqas ta' tlestija tal-progett izda biss snag list. Mill-kostatazzjonijiet peritali, il-perit tekniku kien tal-fehma illi s-socjeta attrici lestiet l-appalt fit-terminu pattwit tenut kont tal-fatt li jekk kien hemm xi dewmien mill-istess terminu dan seta' kien dovut ghal ragunijiet estraneji ghas-socjeta attrici bhal zieda ta' xogholijiet u xogholijiet li ma setghux isiru minhabba kuntratturi ohra. Ghalhekk ma kien hemm ebda dewmien sostanzjali attribwibbli lis-socjeta attrici.

**Xoghol mhux skond is-sengha u l-arti**

Dwar dan l-aspett tal-vertenza s-socjeta konvenuta ghall-istess ragunijiet moghtija fil-kwistjoni tad-dewmien ma ghamlet ebda referenza specifika ghax-xoghol mhux skond is-sengha u l-arti. Issir referenza mill-perit tekniku li ghamel tlett accessi fuq is-sit ghal nuqqas ta' sealing fuq xi tmien twieqi.

Jigi rilevat mix-xiehda tal-perit Peter Zammit tat-23 ta' Marzu 2012 li iccertifika x-xoghol ta' Edilsystem illi ghalkemm ma inhargitx final certification dwar quality

control, hu spezzjona kull istallazzjoni vizwalment u kienu kollha fi stat operabbli. In oltre ma kien hemm ebda vertenza dwar ilmenti mill-Lufthansa fil-konfront ta' Edilsystems. Zied li jista' jkun li jkun jonqos xi xogholijiet li ma jtellfux mill-operat tal-klijent izda din tkun biss snag list li tigi adempita sa l-iffinalizzar tal-progett. Din ix-xhieda u kostatazzjonijiet jimmilitaw kontra t-tezi tas-socjeta konvenuta illi l-appalt maghmul mis-socjeta attrici ma sarx skond is-sengha u l-arti. Hu minnu illi oltre l-kwistjoni tas-sealer jidher li hemm xi zewg twieqi li ghandhom xi skular ta' ilma. Il-perit tekniku fl-eskussjoni li saritlu irrefera ghall-opinjoni tal-perit ex parte imqabbad mis-socjeta konvenuta tlett snin wara li kellu jigi kompletat l-appalt fejn dan qal li x-xoghol kien ta' natura skadenti. Apparti li l-perit tekniku imqabbad mill-Qorti ma jikkondividix din l-opinjoni u din il-Qorti thoss li ghandha tistrieh fuq espert imqabbad minnha u mhux wiehed imqabbad mill-parti wara l-ikkompletar tax-xoghol, l-istess perit tekniku jirreferi ghal fatt li l-opinjoni tal-perit ex parte kienet wahda soggettiva ghax il-ftehim tal-appalt ma kellu ebda specifications li maghhom seta' jorbot biex jasal ghal konkluzzjoni li wasal il-perit ex parte. Il-Qorti tirrispetta l-opinjoni tal-perit tekniku illi sa fejn ikkonstata ix-xoghol ma kienx tali li jista jinghad li mhux skond is-sengha u l-arti.

Madankollu l-Qorti tqis illi gie pruvat li s-socjeta attrici ma kinitx ikkompletat l-appalt kif imiss b'mod perfett billi ghad hemm nuqqasijiet minimi bhal sealer nieqes minn-naha ta' barra u xi skular ta' ilma minn zewg twieqi. Billi dan ix-xoghol jirrikjedi spiza biex isir senjatament il-provista ta' mezzi mekkanici biex ix-xoghol isir minn barra u fl-gholi, il-Qorti tqis li arbitrio u boni viri mis-somma pretiza mis-socjeta attrici ghandha titnaqqas is-somma ta' €2,500 biex jaghmel tajjeb ghal xi tiswijiet li jridu jsiru u mhux il-kaz fil-fehma tal-Qorti li taghmilha s-socjeta attrici.

**Spejjez ghal 'lifting' li ma sarx mis-socjeta attrici**

Ma saret ebda prova tal-ispiza li setghet inkorriet, jekk inkorriet, is-socjeta konvenuta ghal lifting li kellu jsir ta' materjal ghal istallazzjoni u ghalhekk il-Qorti qed tichadha ghax mhix pruvata.

**Kontrotalba**

Billi l-Qorti gia ippronunzjat ruhha li ma instab ebda htija da parti tas-socjeta attrici ghal dewmien biex jigi kompletat ix-xoghol fis-sostantiv tieghu, il-kontrotalba ghal responsabilta tas-socjeta attrici ghal penali qed tigi michuda.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi safejn kompatibbli tichad l-eccezzjonijet tas-socjeta konvenuta, u tilqa' t-talbiet attrici b'dan illi tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma ta' €91,161.91 u dan peress illi s-socjeta attrici trid taghmel tajjeb ghal xi nuqqasijiet ta' entita minima komparati mal-appalt fl-intier tieghu bl-imghax li fil-fehma tal-Qorti ghandhom jiddekorru mill-ahhar ta' April 2009 cioe d-data meta s-socjeta Lufthana Teknik bdiet topera mill-hangars in kwistjoni, u bl-ispejjez jigu sopportati mis-socjeta konvenuta.

In kwantu ghal kontrotalba, il-Qorti qed tichad it-talbiet tas-socjeta konvenuta peress illi ma giex pruvat illi kien hemm dewmien li ghalih kienet tahti s-socjeta attrici. L-ispejjez tal-kontrotalba tbatihom is-socjeta konvenuta.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur